MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 824/1997/1

**Tabib Principali tal-Gvern**

**Vs**

**Joanne Antida Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mitt lira Maltija (Lm400) dovuta bhala penali wara li l-konvenuta rrezenjat minn kors ta’ tahrig ta’ Infermiera Registrati (Generali) u dan bi ksur ta’ kuntratt minnha adiz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ April 1996, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 5 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett :-

1) Illi l-ammont mitlub fl-avviz fl-ismijiet fuq premessi mhux dovut kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da part ital-attur.

Ikkunsidrat

Illi Emanuel Caruana fil-kariga tieghu ta' "Principal" mad-Dipartiment tas-Sahha (fol 19 et sec ibid) ikkonferma illi l-konvenuta, permezz ta' att pubbliku, kienet obbligat lilha nnifisha li tattendi l-kors ta' "State Registered Nurse" ossia "SRN". Pero' din kienet irrizenjat mill-istess kors fit-tieni sena tieghu, liema kors kien jiehu tlett snin. Matul il-perjodu tal-kors, l-istess konvenuta kienet thallset l-istupendju dovut lilha sakemm irrizenjat permezz ta' ittra fejn semmiet li kienet qed tiehu dan il-pass "minhabba problemi familjari". In oltre l-istess konvenuta kienet baghtet certifikat mediku fejn hemm specifikat "pressjoni ta' xoghol". Ghalhekk il-konvenuta kienet giet mistiedna sabiex tattendi bord mediku sabiex isibu l-verifiki neccesarji mill-lat mediku. Pero', il-konvenuta ma kienetx attendiet, ghal darbtejn u ghalhekk gew intavolati dawn il-proceduri in rigward il-penali mitluba, kkalkolata fis-somma ta' Lm400 a bazi tal-fatt illi r-rizenja saret matul it-tieni sena.

Illi in rigward il-premess, l-attur esebixxa diversi dokumenti (fol 22 et sec ibid) konsistenti fi:-

a) l-att pubbliku gja msemmi u hawnhekk ghandha issir referenza specjali ghall-klawsola numru 3(b), illi fuqha hi bazata din l-azzjoni.
b) L-ittra ta' rizenja msemmija ukoll u li ggib id-data tat-12 ta' Lulju 1987. F'din jinghad illi r-raguni ta' dan il-pass kienet "A severe depression …… due to serious

family problems”, din tal-ahhar, fi kliema stess, “ hloqtha jien”.

c) Ittra ohra tat-Tabib A.G. Mercieca li ggib id-data tas-7 ta’ Novembru 1988 fejn jinghad illi l-konvenuta kienet qed tbati minn “Depression due to psychological pressure at work as a nurse at Mt. Carmel Hospital…..”

d) Ittra iffirmata minn “Chief Government Medical Officer” fejn jinghad illi l-konvenuta ma kienetx attendiet, ghal darbtejn, quddiem il-Bord Mediku.

Ikkunsidrat

Illi meta xehdet il-konvenuta (fol 32 et sec ibid) spjegat kif avverat ruhha il-kundizzjoni medika hawn fuq deskritta u dan minhabba it-tip ta’ xoghol li kienet sottoposta ghalih matul il-perjodu tal-kors li hi lahqet ghamlet. In oltre, hi, effetivament kienet marret fid-Dipartiment tas-Sahha sabiex “…nghaddi bord”. Bhala konsegwenza kienet giet ezaminata minn Tabib psikjatra Juguslav fl-Isptar San Luqa, liema Tabib kien informa li “……..ma seta’ jaghmel l-ebda certifikat …..”. In oltre kienet giet infurmata illi minn indagni li kienet saret “…..kien hemm certifikazzjoni bizejjed biex il-kaz odjern jaqa” (ara ukoll ix-xhieda tal-Avukat Dottor Emanuel Mallia a fol 37 et sec ibid).

Illi gie prodott, mill-istess konvenuta it-Tabib Arthur Mercieca (fol44 u fol 56 et sec ibid) li kkonferma illi c-certifikat mediku, gja msemmi u li jinsab a fol 33 ta’ dawn l-atti, kien gie rilaxxat minnu in rigward l-istess konvenuta u sab li din kienet qed tbati minn “acute reactive depression”. Fi kliem l-istess xhud, “……irrizultali li l-kaz kien wiehed genwin”. Ta’ minn isemmi illi l-istess xhud specifika illi hu kien “General Practitioner” izda “……hdimt hafna fil-psikjatrija”, meta jkun kaz “semplici”.

Ikkunsidrat

Illi, in succint, dawn huma l-fatti in ezami u a bazi taghhom jrid jigi deciz jekk it-talba in ezami hiex giustifikata o meno fid-dawl tac-cirkostanzi kif spjegati mill-istess konvenuta u x-xhieda prodotti minnha.

Illi hu principju tal-istitut tal-obbligazzjonijiet in generali illi kuntratti miftehma skond il-ligi ghandhom jkollhom il-forza ta' ligi bejn il-partijiet kontraenti u jridu jigu esegwiti "in bona fide " (ara l-artikolu 992 u 993 tal-Kodici Civili). Ghalhekk fil-kaz in desamina jidher li ghandu jigi pruvat illi l-konvenuta, meta ssottomettiet ir-rizenja taghha mill-kors, kienet qed tagixxi "in male fide".

Illi pero" kif jidher mill-artikolu 1120 tal-istess Kodici, ghandu jinghad ukoll li penali tirraprezenta kumpens ghal danni li garrab il-kreditur billi ma gietx esegwita l-obbligazzjoni principali, f'dan il-kaz ir-rizenja mill-kors li kellha tattendi l-konvenuta, ghal perjodu ta' tlett snin meta din irrisenjat meta kwazi temmet sentejn mill-istess kors ossia "obligazione di fare". Kif jinghad fl-artikolu 1133 u 1134 ibid, f'kaz ta' nuqqas ta' esekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali, d-debitur hu suggett ghad-danni anke f'kaz ta' nuqqas ta' "male fide" da parti tieghu, sakemm hu stess ma jippruvax illi n-nuqqas da parti tieghu kien dovut ghal kawza estranea mhux imputabbli ghalih jsir minhabba "vismajor" jsir kaz fortwitu. F'dan il-kaz, jidher, kemm mix-xhieda stess tal-konvenuta kemm minn dak tat-Tabib Arthur Mercieca illi hi ssottomettiet ir-rizenja taghha minhabba l-kundizzjoni medika kif hawn fuq deskritta, liema kundizzjoni preferibilment u genwinament, kienet kawzata mill-istess xoghol li nghatat matul il-kors. Minn dan, ghalhekk, wiehed jista' jghid illi, oltre li l-konvenuta kienet "in buona fide", l-istess rizenja kienet kawzata minn fattur estraneo ghalih hi ma kienetx responsabbli u ma kelliex kontroll fuqu. Konsegwentament il-Qorti tara li fl-istess kaz, il-konvenuta ma ghandhiex tkun sottomessa ghal-hlas tal-penali kif mitluba fl-avviz. In oltre hi tara illi minhabba dak li gie premess ma hux mehtieg illi jigi indagat jekk hux applikabbli l-artikolu 1122 tal-istess Kodici in rigward jekk ghandux jkun hemm tnaqqis jew mitigazzjoni tal-penali skond il-kuntratt in ezami.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz. In rigward l-istess avviz, tenut kont illi ma jidhirx car jekk il-konvenuta issottomettietx ruhha ghal bord mediku istitwit kif suppost u ghalhekk setghu jigu

evitati dawn il-proceduri, l-ispejjes kollha ta’ dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------